# TOPONIMJA

*Ta'* A.C.

L-ismijiet toponimiċi (jiġifieri ta' postijiet ta' bliet, irħula, għoljiet, raba', eċċ.) fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex huma iktarx mogħtijin għall-għamla naturali tagħhom, għal-lewn tagħhom, għal xi nies, sidien tal-post jew oqsma, jew nies imfakkrin fl-istorja, fil-professjoni, stat ċivili, sengħa tagħhom, għal-laqam ta' sid l-art, għal knejjes jew qaddisin, u għal xi pjanti jew siġar li kienu jew għadhom jidhru fil-post.

Biċċa minn dawn in-nomi ssibhom li jispiċċaw bl-ittra *i* b'forma aġġettivali, oħrajn morfoloġikament fil-plural miksur. Ma' dawn l-ismijiet fit-topografija tal-gżejjer ta' Malta u Għawdex insibu ismijiet ta' għoljiet, widien, torrijiet, plajjiet u daħliet tal-baħar.

Hawnhekk sa nsemmu biss xi ismijiet li jidħlu fil-kategoriji ta' dawk ix-xorta ta' ismijiet li semmejna.

*Ismijiet Ġenerali*: Belt, raħal, rabat, sur, għolja, wied, wilġa, ħondoq, foss, qasam, raba', andar, ħabel, nadur, misraħ, xagħra, rdum, port, marsa, għadira, xatt, qala, daħla, ramla, mġarr, mġar, miġra jew moġra, ras, sikka, u oħrajn.

*Imsemmijin għal Fenomini jew Għamliet Naturali*: Fomm ir-Riħ, Ix-Xemxija, Id-Dellija, Għar Dalam, Ras in-Niexfa, Il-Ħawli, Il-Magħtab, Il-Ħaġġerija, It-Tafli, Il-Bajjad, Ix-Xieref (raba'), Baħar iċ-Ċagħak.

*Imsemmijin għal-Lwen fiżiku jew naturali*: Il-Ħamri, Il-Qolla l-Bajda, il-Qolla s-Safra, Wied iż-Żurrieq, Tieqa Żerqa, Ħabel l-Iswed, Il-Għadira s-Safra, Ġebel l-Abjad, Il-Ħammieri.

*Imsemmijin għal xi Nies*: Għajn Sielem, Bingħisa, Għar Ħasan, Ras Dragut, Wied Musa, Sa Maison, Fort Chambray, Rdum Depiru, Tignè, Rikażli (Ricasoli), Ta' Bigi (Bichi), Verdala, Argotti, Furjana, Ta' Baldu, Ta' Falka, Ta' Dnotu (De Noto), Ta' Kumbu (It-Torri), Ta' Manduka (Manduca), Laskri (Lascaris), Binġemma, Ħal Farruġ, Ħad-Dingli, Ħ'Attard, Ħal Lija, Ħal Balzan.

*Imsemmijin għas-Sengħa, Karika jew Professjoni*: Tal-Isqof, Tal-Vigarju, Tal-Pitkal, Tad-Daqqaq, Tal-Masrija, Tal-Maħżanier, (San Pawl), Kuntent (tal-Lugtnent — *Locum-Tenens*), Tas-Sultan, Tal-Armier, Tal-Inkwiżitur, Il-Gwardamanġa (Guardamangia), Binġemma.

*Imsemmijin għal Laqmijiet*: Taċ-Ċawla, tan-Nawċiera, Ta' Qarabusu, Tal-Brieqex, Taċ-Ċampalin, Ta' Prinjola, Ta' Berququ, Wied ta' Piswella, Ta' Garibaldi, Ta' Piċċjottu, Ta' Kardarun, Ta' Ħadidu.

*Imsemmijin għal xi Ħxejjex u Siġar*: Wied il-Busbies, Wied id-Dis, Wied ix-Xiju, Għajn Tuffieħa, Għajn Snuber, Għajn Riħana, Għajn Dwieli, Għajn Tuta, Is-Simar, Il-Qasbija, Is-Sagħtrija, Tad-Dukkara, Il-Għollieq, Is-Safsafa, Il-Qammieħ, Il-Balluta.

*Ismijiet ta' postijiet li jispiċċaw bl-ittra i (aġġettivali)*: Tartarni, Bordi, Qdieri, Niklusi, Dingli, Safi, Siġġiewi, Qormi, Muxi Għasri, Dabrani, Dbieġi.

*Ismijiet fi Plural Miksur* (Iktarx ta' nisel semitiku): Msieraħ, Għemieri, Gwiedi (sing, Gudja minn *Kudja*), Mrieħel, Mrabat, Nwadar (sing, Nadur), Mwieżeb, Braġ (ta' l-Ibraġ), Qwabar (f'Xatt il-Qwabar), Twaġen, Mwieġel, Dwieli (f'Għajn Dwieli), Qbajjar, Kmiemen, Sruġ, Ngieret (plural ta' Nigret).

*Ismijiet ta' forma diminutiva*: Qrajten (dim: ta' Qortin) Xwejni (dim: ta' Xini), Dwejra (dim: ta' Dar), Qlejgħa (dim: ta' Qalgħa), Xgħajra (dim: ta' Xagħra), Qbajjar (dim: ta' Qabar), Gwejda (dim: ta' Gudja), Għwejna (dim: ta' Għajn), Sgħajtar (dim: ta' Sagħtar).

*Imsemmijin għal Knejjes jew Qaddisin*: Ta' L-Isperanza, Tas-Samra, Tal-Ħlas, Tal-Mirakli, Tal-Virtù, Tas-Salvatur, Tas-Silġ, Tal-Mensija, Tal-Providenza, Tal-Pietà, Tas-Sliema, Il-Madliena, Ta' Santa Luċija, San Anard, Tad-Dawl, Tal-Kunċizzjoni, Ta' Alla u Ommu (telgħa tan-Naxxar min-naħa ta' San Pawl il-Baħar imsemmija għal Niċċa li hemm fit-triq).